31990R3941

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3941/90
tad-19 ta' Diċembru 1990
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Magħquda tat-Tanzanija dwar sajd fil-limiti tat-Tanzanija

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Komunità u r-Repubblika Magħquda tat-Tanzanija nnegozjaw u inizzjaw Ftehim dwar is-sajd li jipprovdi opportunitajiet ta' sajd għal sajjieda tal-Komunità f'ibħra li fuqhom it-Tanzanija għandha sovranità jew ġurisdizzjoni;

Billi huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova dan il-Ftehim,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Magħquda tat-Tanzanija dwar sajd fil-limiti tat-Tanzanija qiegħed hawnhekk jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat biex jinnomina l-persuni li għandhom is-setgħa li jiffirmaw il-ftehim li jorbot lill-Komunità.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

C. VIZZINI

---

(1) Opinjoni maħruġa fl-14 ta' Diċembru 1990 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).